MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2011

Appell Kriminali Numru. 85/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Balzan**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Balzan talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' Gunju 2010, Lulju 2010, Awwissu 2010 u Settembru 2010, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Jacqueline Balzan u/jew lill-ulied is-somma ffissata min dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih

skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-14 ta' Frar 2011 li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imsemmi Joseph Balzan hati u kkundannatu xahar prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Joseph Balzan ipprezentat fit-18 ta' Frar 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehilsu minn kull imputazzjoni u piena sabiex b'hekk issir gustizzja skond il-ligi, u alternattivament li jekk din il-Qorti ma takkoljix l-aggravji tan-nullita', timmodifika u tvarja l-istess in kwantu ghal piena stante li din fic-cirkostanzi hija eccessiva;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li s-sentenza appellata hija nulla ghax huwa kien instab hati ghall-istess reat mill-istess Qorti, u dan meta b'sentenza datata 15 ta' Novembru 2010 kien instab hati talli naqas milli jissomministra manteniment lil martu ghax-xahar ta' Lulju 2010. Ghalkemm is-sentenza appellata tirrigwarda xhur ohra, l-akkuza hija wahda u ghalhekk il-principju *ne bis in idem* ghandu japplika. Din l-eccezzjoni tqajmet quddiem l-ewwel Qorti fl-ewwel seduta u dik il-Qorti ddifferiet il-kawza sabiex issir il-korrezzjoni opportuna li la ntalbet mill-prosekuzzjoni u lanqas giet dekretata mill-Qorti. Inoltre s-sentenza tal-15 ta' Novembru 2010 giet appellata u l-appell ghadu pendenti; (2) li s-sentenza appellata hija rrita u nulla stante li l-piena ta' prigunerija mhijiex permessa fir-rigward ta' kontravvenzjonijiet ai termini ta' l-artikolu 7 abbinat ma' l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali; (3) li, sussidjarjament u bla pregudizzju, il-piena ma kinitx dik idoneja peress illi dan ser ikompli jaggrava l-qaghda tieghu u martu ser

tkompli taghmel pressjoni fuqu b’detriment kemm ghalih innifsu kif ukoll ghall-interessi supremi ta’ l-ulied minuri.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju jigi l-ewwelnett osservat illi mill-verbal tad-29 ta’ Novembru 2010 jirrizulta li l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni “fl-akkuzi” u l-ewwel Qorti laqghet it-talba. Sfortunatament ma jirrizultax mill-verbal a fol. 2 tal-process x’kienet il-korrezzjoni mitluba u mic-citazzjoni a fol. 1 tal-process ma tirrizulta ebda korrezzjoni. Inoltre s-sentenza dattilografata tirrispekkja l-imputazzjoni hekk kif tidher fic-citazzjoni. Pero` gie determinat minn din il-Qorti illi fi proceduri ohrajn kontra l-istess appellant huwa gie akkuzat li ma ssomministrax manteniment ghax-xahar ta’ Lulju 2010. In effetti huwa nstab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ din l-imputazzjoni b’sentenza tal-15 ta’ Novembru 2010, izda dik is-sentenza giet appellata – l-appell numru 505/10 li gie sussegwentement assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta u appuntat ghat-22 ta’ Gunju 2011 biex jinstema’ kontestwalment ma’ dan il-kaz – u ghalhekk dak il-kaz ghadu mhuwiex deciz definittivament. Dan l-appell gie appuntat qabel l-appell numru 505/10 u ghalhekk qieghed jigi determinat l-ewwel, anke sabiex tkun tista’ tinghata piena wahda bhala reat kontinwat kif effettivament l-appellant gie akkuzat. Il-principju *ne bis in idem* ikun applikabbli fl-appell numru 505/10 li se jigi deciz aktar tard illum stess.

**7.** Dwar it-tieni aggravju jinghad mill-ewwel li l-appellant m’ghandux ragun. Apparti li fi stadju ta’ appell il-piena tista’ tinbidel, din il-Qorti ma taqbilx ma’ l-appellant li l-piena ta’ prigunerija moghtija mhijiex wahda skond il-ligi. Huwa minnu li r-reat in kwistjoni huwa reat kontravvenzjonali u li l-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet skond l-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali huma dawk tad-detenzjoni, l-*ammenda* u c-canfira jew twiddiba. Izda l-appellant gie akkuzat b’reat kontinwat. Skond l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali l-piena tista’ ghalhekk tizdied bi grad jew tnejn. Issa skond l-artikolu 31(1)(g) tal-Kodici Kriminali **“t-tlugh mill-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet isir ghall-piena tal-multa jew ta’ <u>prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tliet</u>**

**<u>xhur</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Inoltre din il-Qorti tfakkar ukoll li skond it-tieni *proviso* ta' l-artikolu 338(z) meta l-hati jkun recidiv f'kontravvenzjoni taht dan il-paragrafu, huwa **"jista' jehel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahrejn"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

**8.** It-tielet aggravju huwa dwar il-piena. Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. F'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-piena taqa' fil-parametri tal-ligi.

**9.** L-appellant jghid li ma kienx f'qaghda li jonora l-obbligu tieghu u li piena ta' detenzjoni se taggrava l-qaghda tieghu filwaqt illi martu ser tkompli taghmel pressjoni fuqu b'detriment ghalih u ghal uliedu. Irid jinghad l-ewwelnett illi kieku l-appellant sab il-mod kif jonora l-obbligu li jaccetta li ghandu, martu ma kinitx tirrikorri ghall-mezz estrem ta' dawn il-proceduri.

**10.** Jacqueline Balzan, mart l-appellant, xehdet li l-manteniment huwa ghall-erbat itfal taghhom u huwa fl-ammont ta' €653 fix-xahar u li ghax-xhur ta' Gunju 2010 sa Settembru 2010 ghadu mhux imhallas.

**11.** L-appellant xehed li huwa ilu bla xoghol minn Lulju 2010 u pprova jsib xoghol izda *"ghandi problema l-kondotta"*. Assistenza socjali ma jircevix ghax hemm zewg permessi tal-haxix fuqu li jrid inehhi izda skond l-appellant mit-Trade Department gie nfurmat li trid tiffirmalu l-mara. Martu ma tridx tiffirma. L-appellant jghid li gie nfurmat li anke jekk tiffirmalu xorta ma jiehu xejn ghax martu hi *self-employed*. B'referenza ghad-dokument a fol. 13 u 14

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

huwa kkonferma li hemm proceduri quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) biex jitnehha l-ordni ghall-hlas ta' manteniment. In kontro-ezami qal li huwa jghaddi billi jghinuh il-genituri tieghu. Qal li kien pprova jbiegh il-haxix izda ma kienx sejjer tajjeb; kien qed jitlef il-flus.

**12.** Din il-Qorti, filwaqt illi tapprezza li l-appellant seta' ghamel xi sforzi biex isib xoghol alternattiv, ma tistax tifhem kif ma ghamilx sforzi akbar biex jirnexxi fil-bejgh tal-haxix galadarba kellu l-permessi u l-mezzi biex jaghmel dan, u ghalhekk il-mezzi biex huwa jahdem.

**13.** Imbaghad, ghalkemm l-appellant jghid li mhuwiex jahdem, il-gurisprudenza in materja hija llum wahda ormai stabbilita u maghrufa. Hekk fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Saliba** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 1998, gie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat meta din tisfa dizokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi **"tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment"**. Hu biss wara li dik il-persuna tottjeni tali modifika li tkun tista' thallas inqas, jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' 1-obbligu tal-hlas skond l-ewwel digriet. L-appellant ipprezenta rikors aktar kmieni din is-sena quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex id-digriet li bih gie ordnat ihallas manteniment jigi revokat *contrario imperio* b'effett retroattiv minn Lulju 2010. Din il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex dam diversi xhur biex jittenta jbiddel id-digriet imsemmi. Jidher li sallum ghad m'hemm l-ebda ezitu dwar din it-talba. Kwindi d-digriet ta' l-24 ta' Novembru 2009 ghadu fis-sehh.

**14.** Mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jidher, almenu *prima facie*, li huwa diga` nstab hati darbtejn li ma ssomministrax il-manteniment ghal uliedu lil martu, u fiz-zewg okkazjonijiet inghata *conditional discharge* b'ordni li jhallas l-ammonti li kienu dovuti. Ghalhekk issa l-appellant ma jimmeritax aktar li l-Qorti tkun klementi. Fl-istess hin din il-Qorti hi tal-fehma li f'dan l-istadju ma jimmeritax

piena ta' prigunerija izda dik ta' detenzjoni. Ghalhekk se jkun hemm temperament fil-piena.

**15.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant xahar prigunerija u minflok tikkundannah gimaghtejn detenzjoni, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------